**13 ta' Ottubru, 1967**

**Imħallfin**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. — President**

**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt. (Rome), B.A. Hons. (Lond.), Ph.D. (Lond.), F.R.Hist.S. — Viċi-President**

**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

John L. Xuereb et noe

*versus*

Maria mart Antonio Abela

**Kompetenza — Kummerċ — Qorti tal- — Trade Unions**

*Kwistjoni li tkun tinvolvi relazzjonijiet bejn membri ta' trade union hija ta' kompetenza tal-Qorti Ċivili u mhux tal-Qorti tal-Kummerċ.*

Il-Qorti rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-atturi nomine wara li ppremettew li l-konvenuta bħala titolari tal-Private Bus No. 4756 kienet issottoskriviet l-istatut tal-Union attriċi u li hija telqet mill-istess Union qabel it-terminu ta' ħames snin stipulat, fl-artikolu 7B tal-istatut (Dok. B hemm anness) u li għalhekk hija obbligata tħallashom is-somma ta' £200 (mitejn lira) a tenur tal-Artikolu 30 tal-istess statut, u li l-konvenuta ġiet interpellata inutilment għall-pagament ta' din is-somma, talbu li — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvediment opportuni — l-konvenuta tkun kundannata tħallas għar-raġunijiet fuq indikati s-somma ta' £200. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Diċembru, 1966.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li biha qalet (a) preliminarjament li hi mhix merkantessa pubblika u ma messiex ġiet imħarrka f'isimha iżda, se mai, kellu jiġi mħarrek żewġha bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti stante li l-l-Bus hu proprietà tiegħu.

Omissis.

Rat il-verbal tal-11 ta' April, 1967 (fol. 22) fejn ġie kjarit li l-ewwel eċċezzjoni għandha tiftiehem bħala ta' inkompetenza ta' dina l-Qorti;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-20 ta' Ġunju, 1967 li biha ddikjarat ruħha inkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża mħabba x-xorta tal-ħaġa in kwistjoni — salv kull dritt lill-

atturi skond il-liġi għall-prosegwiment relattiv — u ordnat illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa iżda bid-dritt tar-Reġistru għall-atturi nomine, wara li kkunsidrat —

Omissis.

Rat ir-rikors tal-atturi nomine li bih talbu li din il-Qorti tistabbilixxi liema hija l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-meritu tal-kawża.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Illi fil-fehma tal-Qorti "quod actum est", jiġifieri l-assoċjazzjoni tal-konsoċjati fi "trade union" u r-relazzjonijiet bejniethom u bejn l-istess "trade union" li jitnisslu minnha — kollox kif riżultanti mill-kitba a fol. 5-14 tal-proċess — jidher minnu stess li hu verament ta' natura ċivili u għalhekk anki kieku kellu "ex hypothesi" jiġi ammess li l-konvenuta hija kummerċjanti, tiġi megħluba l-presunzjoni ta' kummerċjalità stabbilita bl-artikolu 7 tal-Kodiċi tal-Kummerċ u bażata fuq il-kwalità ta' kummerċjant ta' min ikun konvenut.

Illi fuq din il-bażi u mingħajr il-ħtieġa għal din il-Qorti, kif għall-ewwel Onorabbli Qorti, li tidħol f'konsiderazzjonijiet oħra dwar l-inċident partikolari, *din il-Qorti taqbel mal-ewwel* Onorabbli Qorti li din tal-aħħar hi inkompetenti "ratione materiae".

Illi hu motiv ta' dispjaċir li kwistjonijiet bħal dawn għadhom jistgħu *jiġu korrentement dibattuti b'konsegwenti telf ta'* żmien u spejjeż meta jidher li l-"communis opinio" taż-żminijiet tal-lum hi sfavorevoli għall-perpetwazzjoni tad-distinzjoni bejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Kummerċ.

Għall-motivi premessi l-Qorti tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti, tiddikjara li l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża hi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina u tordna li l-atti jiġu mibgħuta lil dik il-Qorti għas-smiegħ tal-kawża skond il-liġi. L-ispejjeż tal-appell, fiċ-ċirkostanzi, jibqgħu wkoll bla taxxa, bid-dritt tar-reġistru għall-atturi nomine.